



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2011/2087(INI)

5.9.2011

EMENDI

1 - 17

Abbozz ta' opinjoni
Emine Bozkurt
(PE469.868v01-00)

dwar id-Dimensjoni Ewropea fl-Isport
(2011/2087(INI))

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Salvatore Iacolino

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Jenfasizza l-bżonn għat-trasparenza u r-responsabbiltà fl-istrutturi regolatorji tal-isport jistieden lill-Korpi tat-Tmexxija tal-Ispports (SGBs) *jadotta* politika ta' toleranza żero fuq il-korruzzjoni, biex jinħolqu timijiet indipendenti għal investigazzjoni interna u biex tiġi stabbilita kooperazzjoni fil-qrib mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi;

Emenda

1. Jenfasizza l-bżonn għat-trasparenza u r-responsabbiltà fl-istrutturi regolatorji tal-isport jistieden lill-Korpi tat-Tmexxija tal-Ispports (SGBs) *jadottaw* politika ta' toleranza żero fuq il-korruzzjoni, ***kif ukoll kodiċijiet etiċi bbażati fuq l-integrità morali u konsiderazzjoni ġenwina għall-kompetizzjoni ġusta***, biex jinħolqu timijiet indipendenti għal investigazzjoni interna u biex tiġi stabbilita kooperazzjoni fil-qrib mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi;

Or. it

Emenda 2
Emine Bozkurt

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Jenfasizza l-bżonn għat-trasparenza u r-responsabbiltà fl-istrutturi regolatorji tal-isport jistieden lill-Korpi tat-Tmexxija tal-Ispports (SGBs) *jadotta* politika ta' toleranza żero fuq il-korruzzjoni, biex jinħolqu timijiet indipendenti għal investigazzjoni interna u biex tiġi stabbilita kooperazzjoni fil-qrib mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi;

Emenda

1. ***Jirrikonoxxi l-ispeċifità tal-isport, iżda jisħaq fuq il-fatt li r-regoli sportivi jridu f'kull ħin ikunu konformi mal-liġijiet tal-UE u speċjalment mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali***; jenfasizza l-bżonn għat-trasparenza u r-responsabbiltà fl-istrutturi regolatorji tal-isport jistieden lill-Korpi tat-Tmexxija tal-Ispports (SGBs) *jadottaw* politika ta' toleranza żero fuq il-korruzzjoni, biex jinħolqu timijiet indipendenti għal investigazzjoni interna u biex tiġi stabbilita kooperazzjoni fil-qrib mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi;

Or. en

Emenda 3
Andreas Mölzer

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. *jistieden* lill-Istati Membri jinkludu definizzjoni tal-frodi sportiv fil-liġi kriminali; *jistieden* lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jadottaw approċċ **armonizzat** kontra l-korruzzjoni fl-isport; jenfasizza l-bżonn biex tiġi inkluża kull forma ta' korruzzjoni fl-isport fil-Pakkett Kontra l-Korruzzjoni;

Emenda

2. *Jistieden* lill-Istati Membri jinkludu definizzjoni tal-frodi sportiv fil-liġi kriminali; *jistieden* lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jadottaw approċċ **ikkoordinat** kontra l-korruzzjoni fl-isport; jenfasizza l-bżonn biex tiġi inkluża kull forma ta' korruzzjoni fl-isport fil-Pakkett Kontra l-Korruzzjoni;

Or. de

Emenda 4
Salvatore Iacolino

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Jikkunsidra li *x-xiri* tal-logħob huwa fenomenu li kull *ħa* jmur qed jiżdied fl-Ewropa u huwa reat **li 'jattira' ħafna u** li jgħib miegħu dħul għoli u sentenzi qosra, ħafna drabi akkumpanjat **minn kriminalità organizzata** relatata mal-ħasil tal-flus, it-traffikar tad-droga u tal-bnedmin;

Emenda

3. Jikkunsidra li *t-tbagħbis* tal-logħob, **flimkien mal-imħatri illegali u sponsorjar falz għal skopijiet ta' evażjoni fiskali**, huwa fenomenu li kull *ma* jmur qed jiżdied fl-Ewropa u huwa **forma tipika ta'** reat li jgħib miegħu dħul għoli u sentenzi qosra, ħafna drabi akkumpanjat **mill-attività ta' organizzazzjonijiet kriminali speċjalizzati** relatata mal-ħasil tal-flus, it-traffikar tad-droga u tal-bnedmin;

Or. it

Emenda 5
Andreas Mölzer

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Jikkunsidra li *x-xiri* tal-logħob huwa fenomenu ***li kull ħa jmur qed jiddied*** fl-Ewropa u huwa reat *li 'jattira' ħafna* u li jgħib miegħu dħul għoli u sentenzi qosra, ħafna drabi akkumpanjat minn kriminalità organizzata relatata mal-ħasil tal-flus, it-traffikar tad-droga u tal-bnedmin;

Emenda

3. Jikkunsidra li *t-tbagħbis* tal-logħob huwa fenomenu ***serju*** fl-Ewropa u huwa reat *'attraenti'* u li jgħib miegħu dħul għoli u, ***f'ċerti Stati Membri***, sentenzi qosra ***u rati ta' identifikazzjoni eċċessivament baxxi***, ħafna drabi akkumpanjat minn kriminalità organizzata relatata mal-ħasil tal-flus, it-traffikar tad-droga u tal-bnedmin;

Or. de

Emenda 6
Emine Bozkurt

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

4a. Jistenna bil-ħerqa r-riżultati tas-Sistema ta' Korrispondenza tat-Trasferimenti tal-FIFA, speċjalment fir-rigward tat-trasparenza, il-fair play finanzjarju, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-traffikar tal-bnedmin; jisħaq fuq il-ħtieġa li s-sistema tikkonforma mal-leġiżlazzjoni u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data tal-UE; jistieden lill-SGBs jgħaqqdu d-data mis-Sistema ta' Korrispondenza tat-Trasferimenti ma sistemi oħrajn kontra l-korruzzjoni biex ikun hemm monitoraġġ aktar effikaċi għall-ġlieda kontra t-tbagħbis tal-logħob;

Emenda

Or. en

Emenda 7
Emine Bozkurt

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4 b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4b. Jisħaq fuq il-fatt li l-minorenni għandhom jitħarsu dejjem; jistieden lill-SGBs iwettqu skrutinju ta' kull eċċezzjoni li ssir għar-regola li t-trasferimenti ta' minorenni mhumiex permessi, abbażi ta' kull każ individwalment, u jnaqqsu dawn l-eċċezzjonijiet għat-trasferiment ta' minorenni għal minimu assolut;

Or. en

Emenda 8
Emine Bozkurt

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4 c (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4c. Jistieden lill-SGBs joħolqu sistema ta' reġistrazzjoni għall-aġenti tal-plejers, akkumpanjat minn kodiċi ta' kondotta u mekkaniżmu ta' sanzjonijiet; jisħaq fuq il-ħtieġa li x-xogħol tal-aġenti tal-plejers jiġi professjonalizzat, b'ċertifikat jew xi ħaġa ta' din in-natura;

Or. en

Emenda 9
Emine Bozkurt

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. Jenfasizza l-bżonn għal ftehim li jorbot bejn l-SGBs u l-organizzazzjonijiet tal-logħob tal-azzard fuq il-monitoraġġ tal-logħob u l-ġlieda kontra l-frodi fl-isport; jistieden lill-organizzazzjonijiet tal-logħob tal-azzard jassumu r-responsabbiltà li jżommu s-settur nadif;

Emenda

5. Jenfasizza l-bżonn għal ftehim li jorbot bejn l-SGBs u l-organizzazzjonijiet tal-logħob tal-azzard fuq il-monitoraġġ tal-logħob u l-ġlieda kontra l-frodi fl-isport; jistieden lill-organizzazzjonijiet tal-logħob tal-azzard jassumu r-responsabbiltà li jżommu s-settur nadif **u jikkoperaw mal-SGBs dwar dawn il-kwistjonijiet;**

Or. en

Emenda 10
Emine Bozkurt

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda 11
Salvatore Iacolino

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Jenfasizza li l-ġlieda kontra d-doping għandha tkun kompletament konformi mal-liġijiet tal-UE; jistieden lill-Aġenzija Dinija ta' Kontra d-Doping toħloq sistema għall-amministrazzjoni tal-lokalizzazzjoni

Emenda

5a. Jisħaq fuq il-ħtieġa biex jiġu indirizzati l-operaturi mhux awtorizzati tal-logħob tal-azzard, dawk ibbażati fl-UE u dawk li mhumiex, peress li dawn jisgħu jevitaw is-sistemi ta' monitoraġġ ta' frodi sportiva;

Or. en

Emenda

6. Jenfasizza li l-ġlieda kontra d-doping għandha tkun kompletament konformi mal-liġijiet tal-UE; jistieden lill-Aġenzija Dinija ta' Kontra d-Doping toħloq sistema għall-amministrazzjoni tal-lokalizzazzjoni

preċiża u faċli biex tintuża li tkun konformi mal-liġijiet tal-UE; jenfasizza l-bżonn għal statistika; jinnota l-importanza li jiġi ikkastigat l-użu tad-doping aktar milli t-testijiet li ma sarux.

preċiża u faċli biex tintuża li tkun konformi mal-liġijiet tal-UE; jenfasizza l-bżonn għal statistika; jinnota l-importanza li jiġi ikkastigat l-użu tad-doping aktar milli t-testijiet li ma sarux. ***jistieden lill-komunità sportiva tippromwovi mentalità sportiva assoċjata mal-benessri mentali u fiżiku u mhux biss indirizzata lejn ir-rendiment, li f'ċerti każi jista' jwassal għal forom serji ta' dipendenza fuq id-drogi u fuq is-sustanzi li jtejbu r-rendiment;***

Or. it

Emenda 12 **Andreas Mölzer**

Abbozz ta' opinjoni **Paragrafu 6**

Abbozz ta' opinjoni

6. Jenfasizza li l-ġlieda kontra d-doping għandha tkun kompletament konformi mal-liġijiet tal-UE; jistieden lill-Aġenzija Dinija ta' Kontra d-Doping toħloq sistema għall-amministrazzjoni tal-lokalizzazzjoni preċiża u faċli biex tintuża li tkun konformi mal-liġijiet tal-UE; jenfasizza l-bżonn għal statistika; jinnota l-importanza li jiġi ikkastigat l-użu tad-doping aktar milli t-testijiet li ma sarux.

Emenda

6. Jenfasizza li l-ġlieda kontra d-doping għandha tkun kompletament konformi mal-liġijiet tal-UE; jistieden lill-Aġenzija Dinija ta' Kontra d-Doping toħloq sistema għall-amministrazzjoni tal-lokalizzazzjoni preċiża u faċli biex tintuża li tkun konformi mal-liġijiet tal-UE; jenfasizza l-bżonn għal statistika ***relevanti***; jinnota l-importanza li jiġi ikkastigat l-użu tad-doping aktar milli t-testijiet li ma sarux.

Or. de

Emenda 13 **Emine Bozkurt**

Abbozz ta' opinjoni **Paragrafu 6**

Abbozz ta' opinjoni

6. Jenfasizza li l-ġlieda kontra d-doping

Emenda

6. Jenfasizza li l-ġlieda kontra d-doping

għandha tkun kompletament konformi mal-liġijiet tal-UE; jistieden lill-Aġenzija Dinija ta' Kontra d-Doping toħloq sistema għall-amministrazzjoni tal-lokalizzazzjoni preċiża u faċli biex tintuża li tkun konformi mal-liġijiet tal-UE; jenfasizza l-bżonn għal statistika; jinnota l-importanza li jiġi ikkastigat l-użu tad-doping aktar milli t-testijiet li ma sarux.

għandha tkun kompletament konformi mal-liġijiet tal-UE, ***speċjalment mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, il-liġijiet dwar il-privatezza u dwar il-protezzjoni tad-data, kif ukoll il-liġijiet tax-xogħol***; jistieden lill-Aġenzija Dinija ta' Kontra d-Doping toħloq sistema għall-amministrazzjoni tal-lokalizzazzjoni preċiża u faċli biex tintuża li tkun konformi mal-liġijiet tal-UE; jenfasizza l-bżonn għal statistika; jinnota l-importanza li jiġi ikkastigat l-użu tad-doping aktar milli t-testijiet li ma sarux.

Or. en

Emenda 14
Salvatore Iacolino

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6a. Jindika li l-attività fiżika hi essenzjali għal stil ta' ħajja f'saħħtu u xieraq u għandha tkun akkumpanjata minn dieta xierqa; barra minn hekk, l-isport hu għodda prezjuża għall-lieba kontra l-emarġinazzjoni u l-esklużjoni soċjali;

Or. it

Emenda 15
Georgios Papanikolaou

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6a. Jistieden lill-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra l-vjolenza fl-avvenimenti sportivi, b'mod partikulari fejn jinvolvu t-trasport

bejn gruppi organizzati ta' supporters bejn Stati Membri; jistieden, għal dan il-għan, lill-Istati Membri jħeġġu skambju ta' informazzjoni, ta' esperjenza u ta' Prattiki tajba, biex b'hekk jagħmluha aktar faċli li jiġu antiċipati u pprevenuti l-atti ta' vjolenza kemm fil-grawnd, kif ukoll barra minnu;

Or. el

Emenda 16
Emine Bozkurt

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6a. Jiddeplora n-nuqqas ta' attenzjoni għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Isport; jargumenta favur l-applikabilità bażika tal-leġiżlazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni, li tipprojbixxi kull forma ta' diskriminazzjoni fil-qasam tal-isport professjonali u dilettantistiku fl-Unjoni Ewropea u jistieden lill-Istati Membri kollha u lill-Kummissjoni jittrasponu u jimplimentaw id-Direttivi 2000/78/KE u 2000/43/KE b'mod effikaċi;

Or. en

Emenda 17
Emine Bozkurt

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6 b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6b. Jikkunsidra li l-klabbs sportivi u l-

istejdjums huma l-post tax-xogħol tal-atleti professjonisti u li, għaldaqstant, kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni tkun qed isseħħ fuq il-post tax-xogħol; jistieden lill-organizzazzjonijiet u l-klabbs professjonisti fil-qasam tal-isport iniedu kampanji biex jaffrontaw kull forma ta' diskriminazzjoni, razziżmu u ksenofobija qabel u waqt il-parteċipazzjoni f'attivitajiet sportivi, kif ukoll waqt u wara l-logħob, fl-istejdjums u barra minnhom; jitlob il-publikazzjoni ta' rapporti annwali dwar il-progress f'dan il-qasam; jitlob li jkun hemm sanzjonijiet minimi u klawżoli kuntrattwali rigward id-diskriminazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tikkontrolla dan il-proċess;

Or. en